**27 ta' Mejju, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Evelyn Spiteri

*versus*

Anthony Spiteri

**Separazzjoni personali — Inġurji gravi — Eċċessi — Sevizzi — Minaċċi.**

*F'dina l-kawża hemm diskussjoni ta' fatti li ġew ritenuti li jikkostitwixxu sevizzi, minaċċi, eċċessi u inġurji gravi bħala bażi għal talba ta' separazzjoni personali.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' eċċessi, sevizzi, minaċċi u ngurji gravi, — talbet li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u l-attriċi tkun awtorizzata tgħix separata minn żewġha; (2) il-konvenut jiġi dikjarat dekadut mid-drittijiet kontemplati fl-Artikoli 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu applikabbili għall-każ; (3) il-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attriċi martu, għaliha u għal binha minuri David, pensjoni alimentarja, fil-mod, żmien u lok li jiġu stabiliti minn dina l-Qorti; u (4) il-konvenut ikun ikkundannat jirrestitwixxi u jikkonsenja lill-attriċi, fiż-żmien li jiġi lilu prefiss minn dina l-Qorti, id-dota konsistenti fil-beni ndikati fil-kitba taż-żwieġ riċevuta min-Nutar Dr. Vincenzo Maria Pellegrini, fis-sbatax (17) ta' Ġunju, 1960 u f'dawk il-beni l-oħra kollha li jirriżultaw. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-proċedura quddiem is-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda u d-dokumenti preżentati maċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li mhux veru li hu rrenda ruħu ħati ta' eċċessi, sevizzi, minaċċi u ngurji gravi lejn l-attriċi kif minnha allegat, anzi kienet hi li rrendiet hekk ħatja lejh, u għalhekk it-talba attriċi għandha tiġi riġettata; bl-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-degriet tagħha tat-tnejn (2) ta' Ġunju, 1961 li bih il-konvenut ġie kundannat iħallas lill-attriċi pensjoni alimentarja għaliha u għat-tifel komuni tal-kontendenti, u somma oħra bħala "alimonia litis";

Rat id-degriet tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju, 1961 li bih, fuq talba tal-attriċi ġie nominat sekwestratarju ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-għaxra (10) ta' Mejju, 1962, li bih awmentat ir-rata alimentarja ġa dekretata u kkundannat lill-*konvenut jipprovdi jew iħallas għal xi oġġetti bżonnjużi* għat-tifel komuni;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u semgħat il-provi u t-trattazzjoni;

Rat l-atti tal-kawża l-oħra fl-istess ismijiet (numru 665/62) fuq il-lista ta' llum li ġiet trattata kontestwalment malpreżenti skond talba ta' l-attriċi meta għamlitha, li ġiet akkordata;

*Ikkunsidrat:—*

Illi l-attriċi qegħda tibbaża l-azzjoni tagħha għas-separazzjoni personali minn żewġha l-konvenut fuq eċċessi, sevizzi, minaċċi u nġurji gravi, għalhekk mhux il-każ, kif ġie sottomess fl-interess tagħha fit-trattazzjoni orali, li l-Qorti ssib fiċ-ċirkostanzi riżultati anke l-adulterju tal-konvenut, fis-sens li dak li ma rriżultax direttament jista' jiġi intuit, billi dina l-kawżali mhix dedotta fiċ-ċitazzjoni mill-attriċi;

Illi mill-provi mismugħa l-istanza attriċi tirriżulta pruvata: infatti l-kondotta tal-konvenut lejn l-attriċi tidher li kienet bruska u rritanti sa mill-bidu nett tant li preċiż wara ż-żwieġ għall-ebda raġuni tajba, billi din kienet baqgħet rieqda bħalu, beda jgħajjat, jidgħi u jfarrak għaliex ma kienetx *laħqet lestietlu l-affarijiet*; dina tidher li kienet il-kondotta tiegħu in segwitu kull darba li ma jsirx preċiż kif jippretendi li għandu jsir fir-rigward tiegħu, mentri għal dak li hu għemil tiegħu

kien jippretendi li jagħmel dak li jidhirlu, jirritorna d-dar tard ħafna mingħajr ma jagħti soddisfazzjoni fejn kien anke meta mitlub; imbagħad darba, għaliex irritorna qabel is-soltu u l-attriċi marret lura d-dar ftit tard ma ħuha, ħalliha barra u ma fetħilhiex allavolja kienet marret u ġiebet il-Pulizija; oltre dan f'iżjed minn okkażjoni waħda telaq mid-dar bla raġuni soda u ħa l-flus miegħu, u mbagħad reġa' mar u l-attriċi kienet disposta li tirranġa. Imma l-atteġġjament rigwardat fil-ġeneralità tiegħu, peress li ripetut jakkwista ċerta gravità speċjalment in vista tar-raġuni deposta mill-attriċi li spjegat li a bażi tar-rapporti ta' bejniethom, wara li l-konvenut kien mar Ċipru, huwa pprova jkollu relazzjonijiet intimi magħha b'mod li hi bir-raġuni kollha rrifjutat u li fihom innifishom flimkien mal-kliem ħażin użat jikkostitwixxi eċċessi u sevizzi apparti li kienu jkunu wkoll akkompanjati minn diskors dwar nisa oħra jew relazzjonijiet oħra li jikkostitwixxu nġurji gravi per sè; huwa nfatti kien jesprimi predilezzjoni għal dawka n-nisa l-oħra u relazzjonijiet oħra li kellu mhux xierqa mentri li lill-attriċi kien jgħajjarha xiħa u xierfa, li ġabarha, maħmuġa u traskurata; kien ukoll isemmilha lil ommha, u ma ħallihiex tibqa' magħha u anzi ppretenda li tmur tiddeverti meta l-omm kienet marida;

Illi mill-premess jirriżulta wkoll li l-konvenut wera li ma kienx jagħti każ tal-istat ta' martu u dak li s-suġġerimenti tiegħu kienu jimpurtaw fir-rigward tagħha, u dan hu konfermat minn ċirkostanzi oħra deposti mill-attriċi bħal per eżempju meta riedha tmur toqgħod ma' ommu f'ħin tard tal-ġurnata, ħabta u sabta, u allavolja qabel kien hu stess wera li ma kienx opportun li dan isir imħabba l-kondotta ta' ommu stess, u meta ried jikri l-flat b'ħafna taraġ meta l-attriċi kienet inċinta, u meta ħalliha warajh Baħar-iċ-Ċagħaq u kien jaf li kienet tistkerrah tibqa' hemm weħidha. Jirriżultaw għalhekk il-kawżalijiet addotti tas-sevizzi u tal-inġurji gravi;

Illi kwantu għall-kawżalijiet l-oħra tal-minaċċi u eċċessi, l-attriċi xehdet li l-konvenut kien igħidilha li ma jmissiex imħabba l-istat li kienet fih però kien iqegħda mal-ħajt għalkemm jispiċċa ma jsawwathiex u darba xeħtilha barmil tażżingu taż-żibel iżda ma laqathiex; fil-fatt, wara li kellha t-tarbija, u meta nqala' l-inkwiet fuq flus li hu ried jagħti lil ommu u l-attriċi deherilha li ma kienux fi stat li jagħmlu dan, hu taha xeba' sew u semma li kien ilu jistenna dak il-mument biex jista' jisfoga sew fuqha u fil-fatt allura l-attriċi kienet xtrat it-tarbija. Dan kien l-akbar u l-aħħar inċident billi warajh l-attriċi ddeċidiet li tfittxu bil-Qorti u tissepara għalkemm qabel kienet bdiet tirriżenti l-aġir ħażin ta' żewġha u bdiet tirritalja xi ftit għall-istess aġir tiegħu; fuq dan l-inċident, li l-konvenut fuqu mar jirrapporta wkoll lil martu bħal dik li kellha tort, saret kawża aferjuri kriminali bir-riżultat li l-attriċi ġiet liberata u l-konvenut miġjub ħati u multat żewġ liri. Dan l-inċident jassumi mportanza in vista tal-mod kif svoiġew ruħhom il-fatti dwar ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti li dejjem kienu sejrin għall-agħar; per sè hu gravi biżżejjed biex jikkostitwixxi eċċessi u jikkostitwixxi wkoll l-esekuzzjoni ta' dak li qabel kien biss minaċċja.

Illi fl-aħħarnett ta' min ukoll isemmi l-imġieba tal-konvenut ma nisa oħra għalkemm dan jirrigwarda iżjed l-epoka wara li l-kontendenti kienu separati di fatto; ġie assodat li hu kien iħobb il-kumpanija tagħhom, ħareġ diversi drabi ma xi mara oħra waħdu bil-car tiegħu stess (kull tant ma koppja oħra) kien għand waħda, li soltu kien hekk joħroġ magħha, f'ħin tard (għalkemm ma ġiex eskluż li kien hemm xi ħaddieħor ukoll fid-dar) u anke pprova jgħaddi ta' ġuvni u jitgħarras; rawh ħiereġ minn ħwienet tax-xorb fil-kumpanija anke ta' nisa u jitbewwes fit-triq sakemm jidħlu fil-karozza u jitilqu. Dawna l-fatti jistgħu forsi joffru spjegazzjoni għaliex kien jirritorna tard id-dar u ma kienx igħid fejn kien; f'kull każ però huwa jikkostitwixxu wkoll imġieba li għaliha bir-raġun l-at-

triċi ssib oġġezzjonabbli u tali li tkompli ssaħħaħ il-kawżalijiet l-oħra provati, allavolja ġraw wara l-preżentata taċ-ċitazzjoni. Dina l-istess imġieba hija ndizju qawwi ta' adulterju wkoll kif sottomess mid-difensur tal-attriċi; iżda kif intqal dina l-kawża li ma hiex dedotta fiċ-ċitazzjoni, u kwindi hu biżżejjed għall-finijiet ta' dina l-kawża, li l-istess imġieba tittieħed in konsiderazzjoni, kif hu xieraq, għal dawk li għandhom ikunu l-kondizzjonijiet u effetti tas-separazzjoni kif mitluba;

Illi l-Qorti qegħda neċessarjament tasal għal dina l-konklużjoni fuq il-provi li ġiebet l-attriċi biss billi l-konvenut stess jirriżulta li telaq minn Malta matul il-kawża mingħajr ebda avviż u ad insaputa ta' martu tant li din, meta ndunat bl-idea li kellu, otteniet kontra tiegħu l-ħruġ ta' mandat ta' impediment ta' safar però l-konvenut laħaq telaq ftit qabel ma wasal il-Marixxal. Ebda konklużjoni ma tista' b'ċertezza tiġi desunta minn dana l-aġir tal-konvenut fis-sens li hu aċċetta t-tort tiegħu; it-tort tiegħu hu biss fis-sens li b'dana l-mod hu ġie ppriva lilu nnifsu mill-provi li seta' jagħmel kieku baqa' Malta jew ħalla lil xi ħadd floku, u mhux sew li l-kawża tieqaf imħabba dana l-aġir tiegħu; l-istess aġir hu kontra tiegħu wkoll fis-sens li hu telaq bla ma ħaseb xejn għal martu u għal ibnu billi ħa miegħu kull ma seta'. Jiġi però osservat dwar ix-xhieda li laħaq ta fil-kawża, in konnessjoni mal-alimenti provviżorji li kienet talbet l-attriċi, li l-konvenut kien irritratta ruħu dwar xiri ta' motorboat li qabel kien ċaħad bil-ġurament li kien għamel, u dan wara l-produzzjoni ta' skrittura komprovanti l-kuntrarju ta' dina l-asserzjoni tiegħu, u, dwar il-mezzi ta' ommu, l-ewwel semma li ma kellha xejn tant li ħalliha bla ħlas fid-dar li kien ħa ċens u mbagħad semma li din qabel ma siefret l-Awstralja ħallietlu mija u ħamsin lira (£150). Dana d-diportament ma tantx jispira fiduċja kif l-anqas il-versjonijiet differenti, kważi f'nifs wieħed, għalfejn

omm suppost ħallietlu dawna l-flus u ċioè għax kellha tiġi lura però ntant ħallithomlu biex jinnegozja bihom, imbagħad biex jagħmlilha negozju bihom għaliha u ntant hu jaqla' xi ħamsa u għoxrin lira (£25) mill-istess negozju; għall-istess konklużjoni jwassal il-fatt li fil-proċess tal-kawża l-oħra riferita, f'rikors preżentat mill-konvenut dan igħid li dawn il-flus ommu silfithomlu mentri li f'ittra miktuba mill-omm dina semmi li "speed boat" bħala tagħha; fid-dokument a fol. 66 tal-proċess ta' dina l-kawża ma tirriżultax il-kwalità tiegħu ta' mandatarju ta' ommu;

Ikkunsidrat;

Illi fiċ-ċirkostanzi riżultati ma jistax jingħad li l-attriċi kkontribwiet hija wkoll biex tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u l-konvenut; dan hu l-uniku mputabbli għar-raġunijiet ġa msemmija u in vista ta' dak kollu li rriżulta hemm lok li jiġu milqugħa wkoll id-domandi l-oħra ta' l-attriċi u għall-provvedimenti nfraskritti biex jirregolaw is-separazzjoni bejn il-kontendenti; in kwantu għar-rata alimentarja m'hemmx raġuni biex tiġi varjata r-rata ġia stabbilita fid-Degrieti b'mod provviżorju billi l-konvenut ma ġieb ebda prova f'dana s-sens u kull konsiderazzjoni ġa ttieħdet taċ-ċirkostanzi kollha; in kwantu, imbagħad, għall-aħħar domanda jiġi rilevat li fil-fatt l-attriċi ġa għandha fil-pussess tagħha parti mill-oġġetti dotali li tagħhom qed titjob ir-restituzzjoni; dana l-fatt però ma jinfluwixxix fuq it-talba per sè iżda fuq l-esekuzzjoni relattiva: ma saret ebda prova dwar oġġetti oħra ta' proprietà ta' l-attriċi u fil-pussess tal-konvenut li dan jista' jiġi kundannat jirritornalha kif mitlub, u għalhekk qegħda ssir fir-rigward riserva peress li hemm lok għar-ritorn relattiv.

Għal dawna l-motivi:

Il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi (a) tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għall-ħtija tal-konvenut kif imsemmi fiċ-ċitazzjoni; (b) tilqa'

wkoll it-tieni talba u tiddikjara lill-konvenut dekadut mid-drittijiet, li kieku kien ikollu, fis-sens tal-artiklu 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili; (c) tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas għaliha u għall-minuri David tifel tal-kontendenti, li l-kura tiegħu qegħda tiġi ardata lill-attriċi sakemm ma jkunx hemm ordni f'sens ieħor, is-somma ta' ħames liri u ħames xelini (£5.5.0d) fil-ġimgħa li jitħallsu bil-quddiem fir-residenza ta' l-attriċi; u (d) tilqa' wkoll ir-raba' talba billi tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attriċi d-dota li hija ħadet fiż-żwieġ, skond il-liġi u salv dak li ġa ntqal dwar l-oġġetti ġa fil-pussess ta' l-attriċi u oġġetti oħra tagħha. L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut.